



---

*Kumitat għas-Sajd*

---

**2023/2150(DEC)**

25.1.2024

## **OPINJONI**

tal-Kumitat għas-Sajd

għall-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd (EFCA) għas-sena finanzjarja 2022

(2023/2150(DEC))

Rapporteur għal opinjoni: Pierre Karleskind

PA\_NonLeg

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għas-Sajd jistieden lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jieħu nota tar-rapport tal-Qorti tal-Awdituri (“il-Qorti”) dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija Ewropea għall-Kontroll tas-Sajd (“l-Aġenzija”) għas-sena finanzjarja 2022, ir-rapport annwali tal-attività 2022 tal-Aġenzija kif ukoll l-analiżi u l-valutazzjoni ta’ dak ir-rapport min-naħa tal-Bord Amministrattiv tal-Aġenzija;
2. Jesprimi s-sodisfazzjon tiegħu għad-dikjarazzjoni tal-Qorti li l-kontijiet tal-Aġenzija għas-sena li ntemmet fil-31 ta’ Diċembru 2021 huma konformi mar-Regolament Finanzjarju tal-Unjoni u mar-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni; jirrikonoxxi l-osservazzjonijiet tal-QEA rigward l-akkwist pubbliku, is-sistemi ta’ ġestjoni u kontroll u l-użu tar-riporti;
3. Jinnota li s-sena finanzjarja 2022 kienet ikkaratterizzata minn irkupru mill-impatti tal-pandemija tal-COVID-19 fuq is-sentejn finanzjarji preċedenti, filwaqt li fl-istess ħin il-baġit u r-riżorsi tal-EFCA komplew jikbru għall-kompiti u proġetti addizzjonali kif previst fid-Dokument Uniku ta’ Programmazzjoni tagħha għall-2022; jirrimarka li l-gwerra fl-Ukrajna jista’ jkollha impatt fuq ir-rikonoxximent u l-kejl ta’ xi assi u obbligazzjonijiet fuq il-karta bilanċjali kif ukoll fuq xi dħul u spejjeż rikonoxxuti fir-rapport tal-prestazzjoni finanzjarja għal perjodi ta’ rapportar sussegwenti;
4. Jinnota li l-Aġenzija rċeviet EUR 29,34 miljun f’kontribuzzjonijiet mill-baġit ġenerali tal-Unjoni fl-2022, ammont li jirrappreżenta żieda ta’ 40 % meta mqabbel mal-2021; jirrimarka li l-Aġenzija għandha wieħed mill-aktar baġits annwali u ammonti totali ta’ persunal baxxi fost l-aġenziji tal-Unjoni, anki bit-tabella tal-persunal ikbar;
5. Jirrikonoxxi li, fis-sena finanzjarja 2022, l-Aġenzija rnexxielha timplimenta 95,4 % tal-programm ta’ ħidma annwali tagħha; jinnota li l-Aġenzija rnexxielha twettaq l-operazzjonijiet tagħha u timplimenta l-baġit tagħha kif ippjanat, b’implimentazzjoni baġitarja ġenerali ta’ aktar minn 99,4 % f’termini ta’ impenji u 57,8 % f’termini ta’ pagamenti, ċifra li hija konsiderevolment iżgħar minn dik tas-sena ta’ qabel; jieħu nota tal-ispejgħa tal-Aġenzija li dan it-tnaqqis jirriżulta prinċipalment mid-distakk ta’ żmien biex ikollha tliet bastimenti tal-għassa tas-sajd offshore operattivi;
6. Ifakkar fil-kontribut vitali tal-Aġenzija għall-implimentazzjoni tal-politika komuni tas-sajd (PKS), b’mod partikolari l-kontroll tas-sajd u l-ġlieda kontra s-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat (IUU); jilqa’ t-tiżiż tal-bastiment tal-għassa offshore (OPV) mikri mill-Aġenzija biex iwettaq kontrolli u spezzjonijiet tas-sajd fl-ilmijiet tal-Unjoni u internazzjonali u biex jappoġġja lill-awtoritajiet nazzjonali; jissottolinja l-parteċipazzjoni tal-Aġenzija f’koalizzjonijiet internazzjonali ewlenin kontra s-sajd illegali, bħall-operazzjoni PESCAO;
7. Jisħaq li l-kontroll tal-attivitajiet tas-sajd huwa primarjament responsabbiltà tal-Istati Membri, filwaqt li n-natura tal-kompiti tal-Aġenzija hija waħda ta’ appoġġ; jisħaq li r-reviżjoni tar-Regolamenti dwar il-Kontroll tas-Sajd se żżid l-ammont ta’ xogħol tal-Aġenzija f’termini ta’ appoġġ; jenfasizza l-importanza tal-fatt li ma jkunx koerenti li l-

obbligati jikbru mingħajr biżżejjed riżorsi biex dawn jiġu ssodisfati; jisħaq, għalhekk, li l-Aġenzija jeħtieġ ikollha biżżejjed riżorsi finanzjarji u umani għad-dispożizzjoni tagħha fis-snin li ġejjin;

8. Jinnota li, fl-2022, l-Aġenzija rrapportat 47 592 spezzjoni (fuq il-baħar u fuq l-art), li wasslu għall-identifikazzjoni ta' 5167 każ ta' ksur suspettat, li jirrappreżentaw tnaqqis fl-ispezzjonijiet ta' 11 % u żieda ta' 28 % fil-ksur suspettat fuq iċ-ċifri tal-2021, rispettivament; jirrimarka li t-tnaqqis osservat mhuwiex neċessarjament marbut ma' tnaqqis fl-isforzi ta' kontroll min-naħa tal-Istati Membri; jistieden lill-Aġenzija tipprovdi informazzjoni aktar dettaljata dwar ir-raġunijiet għal dawn il-bidliet; jirrimarka li l-ispezzjonijiet u attivitajiet oħra ta' segwitu għandhom rwol kruċjali mhux biss fil-ġestjoni tajba tal-istokkijiet tal-ħut iżda anke fl-iżgurar ta' kundizzjonijiet ekwi għas-sajjieda tal-Unjoni;
9. Jenfasizza, fir-rigward tal-ġlieda kontra s-sajd IUU, li l-Aġenzija għandha rwol importanti biex tinkoraġġixxi applikazzjoni akbar u armonizzata tas-sistemi ta' kontroll tal-UE fis-seħħ biex jiġġieldu s-sajd illegali;
10. Jieħu nota tal-fatt li l-Aġenzija kompliet il-kooperazzjoni tagħha mal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (FRONTEX) u mal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima (EMSA) biex tagħti appoġġ lill-awtoritajiet nazzjonali li jwettqu funzjonijiet ta' gwardja tal-kosta f'konformità mal-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2019/473; iqis tali kooperazzjoni bħala eżempju ta' sinerġija bejn l-aġenziji tal-Unjoni li għandha sservi bħala sors ta' ispirazzjoni għal aġenziji f'oqsma oħra; jistieden lill-Aġenzija tkompli bl-isforzi tagħha f'dan ir-rigward u jqis li jkun xieraq ukoll li tiżdied il-kooperazzjoni bejn l-Aġenzija u l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent;
11. Jenfasizza r-rwol tal-Aġenzija biex toffri tisħiħ tal-kapaċitajiet u taħriġ lill-pajjiżi terzi u r-rwol kruċjali tal-Aġenzija biex tiżgura kundizzjonijiet ekwi mal-Istati kostali kollha;
12. Jinnota li, fil-31 ta' Diċembru 2021, it-tabella tal-persunal kienet kompletament mimlija, b'74 aġent temporanju maħtur mis-77 aġent temporanju awtorizzat skont il-baġit tal-Unjoni; jieħu nota taż-żieda fl-ispejjeż tal-persunal b'EUR 2,1 miljun meta mqabbla mal-2021;
13. Jieħu nota tal-politika tal-Aġenzija li tippromwovi t-trattament indaqs tal-persunal u l-oġettiv tagħha li tintlaħaq ugwaljanza bejn il-ġeneri, kemm f'termini ta' numri kif ukoll f'termini ta' gradi u livelli ta' responsabbiltà; jiddeplora l-fatt li n-nisa jirrappreżentaw biss 38 % tal-persunal impjegat fil-grad AD 8 jew fi grad oġhla, u li ma kien hemm l-ebda tibdil meta mqabbel mal-2021; jinnota li jrid isir aktar sabiex tinkiseb parità fil-livell maniġerjali; itenni l-istedina tiegħu lill-Aġenzija biex tintensifika l-isforzi tagħha fir-rigward tal-politika tagħha ta' parità bejn il-ġeneri ħalli tagħmel progress lejn il-parità fil-livell maniġerjali wkoll;
14. Jenfasizza wkoll l-importanza ta' rappreżentanza ġeografika bbilanċjata fost il-persunal sabiex jintlaħaq wieħed mill-għanijiet fundamentali tal-Kummissjoni, jiġifieri li tkun qrib iċ-ċittadini u tirrifletti d-diversità tal-Istati Membri;
15. Jistieden lill-Aġenzija biex b'mod regolari tkompli taġġorna u tagħmel disponibbli għall-pubbliku l-informazzjoni dwar il-laqgħat rilevanti tad-direttur eżekuttiv u tal-

persunal ma' organizzazzjonijiet jew individwi li jaħdmu għal rashom li jkunu involuti fit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-politika tal-Unjoni bil-għan li jiġu żgurati trasparenza u fiduċja sħaħ fl-attività tal-Aġenzija;

16. Jipproponi li tingħata l-kwittanza lid-Direttur Eżekuttiv tal-Aġenzija għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Aġenzija għas-sena finanzjarja 2022.

**ANNEX: ENTITAJIET JEW PERSUNI  
LI R-RAPPORTEUR GĦAL OPINJONI RĊIEVA KONTRIBUT MINGĦANDHOM**

Ir-rapporteur għal opinjoni jiddikjara, taħt ir-responsabbiltà esklużiva tiegħu, li ma rċieva l-ebda kontribut minn entità jew persuna li jrid jissemma f'dan l-Anness f'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura.

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI  
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

<b>Data tal-adozzjoni</b>	23.1.2024
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 24 -: 1 0: 1
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Clara Aguilera, João Albuquerque, Pietro Bartolo, Izaskun Bilbao Barandica, Isabel Carvalhais, Maria da Graça Carvalho, Asger Christensen, Rosanna Conte, Rosa D'Amato, Francisco Guerreiro, Anja Ħaġa, Anja Hazekamp, Jan Huitema, Ladislav Ilčić, Pierre Karleskind, Predrag Fred Matić, Francisco José Millán Mon, João Pimenta Lopes, Caroline Roose, Bert-Jan Ruissen, Theodoros Zagorakis
<b>Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Gabriel Mato, Cláudia Monteiro de Aguiar, Grace O'Sullivan, Marc Tarabella
<b>Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Christian Doleschal

**VOTAZZJONI FINALI B' SEJĦA TAL-ISMIJIET  
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

<b>24</b>	<b>+</b>
ECR	Ladislav Ilčić, Bert-Jan Ruissen
NI	Marc Tarabella
PPE	Maria da Graça Carvalho, Christian Doleschal, Anja Ħaġa, Gabriel Mato, Francisco José Millán Mon, Cláudia Monteiro de Aguiar, Theodoros Zagorakis
Renew	Izaskun Bilbao Barandica, Asger Christensen, Jan Huitema, Pierre Karleskind
S&D	Clara Aguilera, João Albuquerque, Pietro Bartolo, Isabel Carvalhais, Predrag Fred Matić
The Left	Anja Hazekamp
Verts/ALE	Rosa D'Amato, Francisco Guerreiro, Grace O'Sullivan, Caroline Roose

<b>1</b>	<b>-</b>
The Left	João Pimenta Lopes

<b>1</b>	<b>0</b>
ID	Rosanna Conte

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni